# Ħsibijiet għat-tfal dwar il-Via Sagra ta' fuq l-Għolja ta' Għammar



## L-ewwel stazzjon – Ġesù jagħmel l-aħħar ikla mal-Appostli

Waqt l-Aħħar Ċena, Ġesù waqqaf żewġ sagramenti: l-Ewkaristija u l-Ordni Sagri. Ġesù qasam il-ħobż, radd il-ħajr, bierku u tah lill-Appostli, filwaqt li qalilhom: "Ħudu u kulu, dan huwa Ġismi. Agħmlu dan tifkira tiegħi". L-istess għamel bl-inbid li sar Demmu.

Nirringrazzjawk, Ġesù, talli bqajt magħna fl-Ewkaristija.

Qabel bdew jieklu, Ġesù libes il-fardal u ħasel saqajn l-Appostli.

Ġesù, għinna biex bħalek infittxu li naqdu lil ħaddieħor.

Glorja...

## It-tieni stazzjon – Ġesù jitlob fil-ġnien taż-Żebbuġ

Ġesù ħa lil Pietru, lil Ġakbu u lil Ġwanni miegħu biex jitolbu, imma huma raqdu. Ġesù ħassu waħdu u beda jibża' tant li għereq għaraq tad-demm.

Grazzi, Ġesù, talli int dejjem magħna. Għinna niftakru dan meta nħossuna waħedna.

Ġesù qal: "Missier, biegħed minni dan il-kalċi, iżda mhux kif irrid jien, imma kif trid int".

Ġesù, għinna biex ma nkunux rasna iebsa imma bħalek ngħidu: "Ikun li trid int".

Glorja...

## It-tielet stazzjon – Ġuda jittradixxi lil Ġesù

Meta Ġesù kien qiegħed jitlob fil-ġnien tal-Ġetsemani, wasal Ġuda mas-suldati li riedu jaqbu lil Ġesù. Ġuda biesu biex is-suldati jindunaw liema wieħed mill-irġiel kien Ġesù.

Mulej, għalkemm aħna nixtiequ nkunu ħbieb tiegħek, ġieli nittraduk bid-dnub tagħna.

Aħfrilna, Mulej, u għinna nersqu għall-qrar iktar spiss.

Grazzi talli, nagħmlu x'nagħmlu, int dejjem tiskużana u tibqa' tħobbna.

Glorja...

## Ir-raba' stazzjon – Ġesù kkundannat għall-mewt tas-salib

Is-suldati ħadu lil Ġesù quddiem Pilatu. Għalkemm Pilatu qal li hu ma jsibx ħtija fih, il-poplu Lhudi għajjat: "Sallbu".

Min jaf x'ħassejt, Ġesù, xħin smajt lil dawk l-istess nies li għallimt u għint permezz tal-mirakli, jgħajtu: "Sallbu"! Imma int bqajt sieket.

Għinna, Ġesù, biex bħalek inkunu kapaċi nibqgħu siekta biex inġibu l-paċi.

Grazzi, Ġesù, tal-eżempji sbieħ li tajtna matul ħajtek u talli wrejtna min hu Alla l-Missier.

Glorja...

## Il-ħames stazzjon – Ġesù jiltaqa’ ma’ ommu Marija

Xħin Marija rat lil Binha għaddej iġorr is-salib, ħasset swied ta’ qalb u ma riditx tħallih waħdu. Hi baqgħet tielgħa miegħu sa fuq il-Kalvarju u baqgħet ħdejh sal-aħħar.

Grazzi, Ġesù, talli tajtna lill-ġenituri li jagħmlu tant sagrifiċċji biex jieħdu ħsiebna.

Għinna biex lill-ġenituri nirrispettawhom u ma ninkwetawhomx bla bżonn.

Glorja...

## Is-sitt stazzjon – Ġesù jaqa’ taħt is-salib

Ġesù waqa’ għax kien għajjien u s-salib kien tqil. Kemm bata Ġesù biex lilna jifdina mid-dnub ħalli nkunu nistgħu mmorru l-ġenna!

Grazzi, Ġesù, talli int kont lest tbati għalina u ma gergirt xejn, għax inti tħobbna.

Anki aħna, o Ġesù, xi drabi nbatu ftit.

Għinna biex ma ngergrux meta jkollna xi salib żgħir, imma bl-għajnuna u għall-imħabba tiegħek inġorruh bla ma naqtgħu qalbna.

Glorja...

## Is-seba’ stazzjon – Ġesù jiltaqa’ man-nisa ta’ Ġerusalemm

Meta Ġesù kien tiela’ lejn il-Kalvarju, fit-triq kien hemm xi nisa li xħin raw lil Ġesù hekk batut tħassruh u bdew jibkuh, iżda hu qalilhom: “Tibkux lili, imma ibku lilkom u lil uliedkom”.

Ġesù, għinna niftakru kemm batejt għalina u jiddispjaċina kull meta nagħmlu d-dnub.

Agħmel, o Ġesù, li niftakru kemm hawn bnedmin ibatu fid-dinja, anki tfal, biex aħna nitgħallmu ngħinu lil min qed ibati.

Glorja...

## It-tmien stazzjon – Ġesù megħjun minn Xmun minn Ċirene

Kien hemm raġel jismu Xmun u xħin ra lil Ġesù jbati mar jgħinu jerfa' s-salib. Dan ir-raġel kien ġej mill-għalqa u ma ddejjaqx jgħin lil Ġesù.

Grazzi, Ġesù, ta' tant nies f'ħajjitna li jgħinuna. Grazzi tal-qraba, ħbieb, qassisin, għalliema u katekisti.

Agħmel li aħna dejjem ngħinu lil min ikollu bżonn.

Glorja...

## Id-disa’ stazzjon – Ġesù mneżża’ minn ħwejġu

Billi Ġesù kellu ħafna feriti ma’ ġismu kollu, il-libsa tiegħu weħlet ma’ dawn il-feriti u Ġesù weġġa’ ħafna xħin is-suldati ġew biex ineżżgħuhielu.

Ġesù, filwaqt li nirringrazzjawk talli tajtna tant affarijiet u ma jonqosna xejn, nitolbuk tieħu ħsieb it-tfal fqar, orfni u refuġjati.

Għallimna naqsmu li għandna ma’ ħaddieħor.

Glorja...

## L-għaxar stazzjon – Ġesù msammar mas-salib

Minkejja li fuq is-salib Ġesù kien għajjien ħafna u batut, hu xorta ħaseb fil-bnedmin kollha u l-aktar f'dawk li kienu jsallbuh. Hu talab għal dawk li kienu jsallbuh u qal: "Aħfrilhom, Missier, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu".

Grazzi, Ġesù, talli int dejjem lest li taħfrilna permezz tas-sagrament tal-qrar.

Ġesù, għallimna naħfru u nħobbu bħalek.

Glorja...

## Il-ħdax-il stazzjon – Ġesù jmut fuq is-salib

Ma' Ġesù ġew imsallba żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug. Il-ħalliel it-tajjeb talab lil Ġesù jaħfirlu. Qabel ma miet, Ġesù ħafer lill-ħalliel it-tajjeb u wiegħdu li dakinhar stess ikun il-ġenna miegħu.

Grazzi, Ġesù, talli lilna wkoll taħfrilna.

Grazzi li permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħek aħna wkoll nistgħu niġu l-ġenna ħdejk.

Agħmel li aħna dejjem nibqgħu fidili lejn il-kelma tiegħek.

Glorja...

## It-tnax il-stazzjon – Ġesù mejjet fi ħdan ommu Marija

Min jaf kif ħassitha Marija xħin ġabulha lil Ġesù bla ħajja fi ħdanha, u rat il-pjagi f'idejh u saqajh u d-daqqa ta' lanza fil-kustat tiegħu!

O Marija, nitolbuk għal dawk l-ommijiet li qegħdin isofru minħabba wliedhom li qabdu xi vizzju.

Nitolbuk ukoll għall-ommijiet li tilfu lil xi ħadd minn uliedhom.

Grazzi, Ġesù, talli qabel mitt tajtna lil ommok bħala Ommna tas-sema.

Glorja...

## It-tlettax-il stazzjon – Ġesù midfun f'qabar ġdid

Lil Ġesù dilkuh bil-fwejjaħ, geżwruh ġo liżar u Ġużeppi minn Arimatija ħadu u difnu f'qabar ġdid. Pilatu bagħat lis-suldati għassa mal-qabar għax beża' li l-Appostli jisirquh u wara jgħidu li qam mill-mewt.

Grazzi, Ġesù, talli int urejtna li mal-mewt ma jispiċċax kollox.

Ġesù, agħti mewta tajba lil dawk li waslu biex imutu u għin lil ta' madwarhom jifhmu li l-mewt hija bidu ta' ħajja ġdida li ma tispiċċa qatt.

Glorja...

## L-erbatax-il stazzjon – Ġesù rebbieħ fuq il-mewt

Il-Ħadd filgħodu Marija ta' Magdala marret ħdejn il-qabar ta' Ġesù biex tidilku b'xi fwejjaħ u sabet il-qabar vojt. Hi rat raġel u staqsietu fejn kien Ġesù. Meta għajtilha b'isimha għarfet li kien Ġesù. Bil-qawmien mill-mewt Ġesù wera li kien Alla.

Grazzi, Mulej, talli bil-qawwa tiegħek aħna wkoll għad noħorġu rebbeħin fuq il-mewt.

Mulej, nitolbuk tgħinna ngħixu ħajja tajba ħalli xi darba niġu ħdejk f'dak il-post li lestejt għal dawk kollha li jħobbuk.

Glorja...

## Talba skont l-intenzjoni tal-Papa

Missierna...
Sliema...
Glorja...

Ċentru tad-Duttrina Ragħaj it-Tajjeb
Taċ-Ċawla, Għawdex 2023